**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 31.10.10: il-WIEĦED U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
**IT-TNEJN, 1.11.10: SOLENNITA' TAL-QADDISIN KOLLHA.**

**JUM IL-QDUSIJA UNIVERSALI**

Is-Suġġett għal din is-sena huwa: "*Il-Qaddis huwa l-bniedem veru.*

Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu.
Illum jibda x-xahar iddedikat lill-Erwieħ tal-Purgatorju.
Matul ix-xahar ta' Novembru, fiċ-Ċimiterju jkun hemm quddiesa kuljum f'nofs inhar.

**IT-TLIETA, 2.11.10: L-GĦID TA' L-IMWIET.**

**Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin kollha.**

Kulħadd għandu jħossu fid-dmir li jitlob għall-għeżież tiegħu mejtin u anke għall-mejtin kollha, speċjalment billi jieħu sehem fil-qudidesa.
Illum ikun hawn diversi quddies ieħor barra mill-ħin.
Il-Ġbir li jsir llum fil-knisja waqt il-quddies ikun kollu għas-suffraġju ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju.
**Fis-6.00p.m.** fil-knisja jkun hemm konċelebrazzjoni solenni b'suffraġju tal-mejtin kollha tal-parroċċa tagħna u jsir it-tberik ta' l-oqbra ta' ġol-knisja.
**Fis-7.00p.m.** se jsir High Tea organizzat mill-parroċċa li jkun fid-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦAMIS, 4.11.10:** Ikun l-Ewwel Ħamis tax-Xahar.
**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-6.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti biex jitfakkar it-twaqqif tas-Saċerdozju u tal-Ewkaristija.

F'din l-quddiesa jsir t-Talb bis-salmi flimkien mal-Komunita'.
**IL-ĠIMGĦA, 5.11.10: L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.**
Illum ikun hawn Ġesu' espost għall-Adorazzjoni tagħna mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.
Nistiednu lil kulħadd biex jieħu sehem fl-adorazzjoni
**Fit-8,00p.m.** quddiesa fil-knisja ta' Santu Wistin għall-professjonisti u gradwati. Qabel il-quddiesa ikun hemm ħin biex wieħed ikun jista iqerr.
**IS-SIBT, 6.11.10: Fit-7.45p.m.** ikompli l-kors tat-Tħejjija għaż-żwieġ u l-Ħajja tal-Familja. Il-laqgħa tkun fid-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦADD, 7.11.10: Fit-3.30p.m.** jitlaq il-Pellegrinaġġ lejn iċ-Ċimiterju
**Fl-4.00p.m.** ikun hemm il-quddiesa u t-tberik tal-oqbra.
Illum se jsir il-ġbir tad-Demm fl-Isptar Generali bejn it-8.00a.m. u s-1.00p.m.

**HIN ĠDID TAL-MUSEUM**

Minn nhar it-Tnejn il-ħin tal-Museum se jkun hekk:
Fil-5.00p.m. minn Year 4 sa Form 1.
Fis-7.00p.m. minn Form 2 'l fuq.

**INDULĠENZI**

Min jinvista ċ-Ċimiterju bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, jista' jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.

**ĠABRA GĦALL-MISSJONI**

Mill-ġbir li sar għall-Misjoni, kemm fil-knisja u anke fit-toroq, inġabret is-somma ta' €2895

**Jingħaqdu fiż-Żwieġ:**
Is-Sibt, 30 ta' Ottubru 2010, fil-4.30p.m. Charles Cini u Alison Azzopardi se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.